**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 18/2024**

**REPUBBLIKA TA' MALTA**

**-Vs-**

**HAMZA MOHAMUD IBRAHIM**

**Illum, 18 ta' Jannar 2024**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **HAMZA MOHAMUD IBRAHIM**, ta' disgħa u għoxrin (29) sena, imwieled fit-tlieta (03) ta' Awwissu tas-sena mija u erbgħa u disgħin (1994) ġewwa s-Somalja iben Mahmud u Hawa neeċ Ahmed, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 101937A. li f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġie akkuat talli nhar l-erbgħa (04) ta' Jannar tas-sena elfejn erbħga u għoxrin (2024) għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30) minn ġewwa Triq Diċembru Tlettax, Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' *mobile phone* iswed tal-għamla Samsung A34 minn fuq il-persuna ta' Badhusha Valiyapalappillil Saif, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-vjolenza u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin

Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) u liema serq sar għad-dannu ta' l-istess Badhusha Valiyapalappillil Saif u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

***(Artikoli 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(ċ), 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).***

2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Badhusha Valiyapalappillil Saif, liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Josef Camilleri (detentur tal-karta tal-identita' 59496M) mill-Floriana Health Centre;

   ***(Artikoli 214, 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).***

3. Aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 229 Nicholai Zarb u PC 340 Fritz Micallef, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;

   ***(Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).***

4. Aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' arloġġ tal-għamla Apple Watch Series 8 45mm, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt Euro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250), u dan għad-dannu ta' PC 229 Nicholai Zarb u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

   ***(Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).***

5. Aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu 'droga' u/jew 'sustanza psikoattiva ġdida' hekk kif definita fl-Artikolu 118A(1) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta w dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar

il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta;
***(Artikolu 118A(1) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta).***

6. Aktar talli nhar l-4 ta’ Jannar 2024 u fil-ġimgħat ta’ qabel għex ħajja ta’ għażż u vagabundaġġ u dan bi ksur ta’ **l-Artikolu 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;**

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkonsidra lil Hamza Mohamud Ibrahim bħala reċidiv, b’sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra u dan *ai termini* tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-imputat id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta għas-sigurta’ ta’ Badhusha Valiyapalappillil Saif hawn fuq indikat;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali biex il-kaz jiġi trattat bil-proċedura sommarja a tenur tal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ukoll l-Ordni mogħti mill-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) biex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwieġeb għall-akkużi kontra tiegħu għall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Semgħet lill-Uffiċjali Prosekuturi jaqraw u jikkonfermaw bil-ġurament l-akkużi u rat id-dokumenti akkwiziti mal-istess akkużi, fosthom l-istqarrija tal-imputat u ċ-ċertifikati mediċi tal-allegat vittmi tar-reati;

Semgħet lill-imputat iwieġeb waqt l-eżami li mhux ħati tal-akkużi;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-18 ta' Jannar 2024 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha;

Semgħet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u wara illi kkonċedietlu ħin sabiex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tar-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli li hija ta' priġunerija effettiva.

Semgħet ix-xhieda ta' PC229 Nicholai Zarb dwar il-valur tal-ħsara kkaġunata lil ħwejġu;

Rat id-dokument esebit fl-istess seduta tat-18 ta' Jannar 2024, kontenenti sustanza allegatament droga sintetika (evidence bag bin-numru S 01491832);

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2024;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu, bl-assistenza ta' żewġ interpreti u bis-salvagwardji kollha li tesiġi l-liġi fl-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom il-gravita' tar-reati kommessi mill-imputat li minnhom innifishom jittrawmatizzaw il-vittmi kif ukoll jiddisturbaw is-serħan tal-moħħ u s-sens ta' sigurta` li huwa intitolat għalih kull min ikun għaddej għall-affarijiet tiegħu f'post pubbliku. Il-Qorti tiddeplora wkoll b'mod gravi imġieba mill-iktar aggressiva u vjolenti bħal dik manifestata mill-imputat fil-konfront tal-vittma tas-serq kif ukoll fil-konfront tal-uffiċjali tal-Pulizija li intervjenew biex jarrestawh. Aġir bħal dan huwa kundannabbli bl-iktar mod iebes għaliex jirriżulta wkoll li seta' ġie motivat minn xejn ħlief il-vizzju tal-abbuż ta' sustanzi illeċiti, li hija ħaġa ta' stmerrija. Hu immaterjali, anzi hu ferm iktar inkwetanti, li l-kommissjoni ta' dawn ir-reati setgħet ġiet xprunata minħabba konsum ta' sustanzi illeċiti u dan ma jista' jkun ta' ebda fejda għall-imputat. Għalhekk il-Qorti sejra tordna li l-imputat b'żieda mal-piena għandu jingħata trattament mandatorju biex jindirizza d-dipendenza evidenti tiegħu fuq droga inkluż id-droga sintetika.

In vista tal-fatt illi s-serq huwa akkumpanjat mill-kwalifika ta' vjolenza kif ukoll minn kwalifiki oħrajn, u b'riżultat tat-twettiq tar-reat il-vittma sofriet offiżi ta' natura ħafifa, isibu riskontru d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 274(ċ) u 277(a) tal-Kap. 9 li bl-applikazzjoni tal-artikolu 20 tal-istess Kap. 9, ifisser illi l-inqas piena erogabbli għall-ewwel żewġ reati hija priġunerija għal tliet snin. Hawnhekk għandu jingħad illi

japplika l-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni għaliex evidentement l-istess att ta lok għall-ksur ta' iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi u għalhekk għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat addebitat fl-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti wara li rat iċ-ċertifikati mediċi tal-vittmi li weġġgħu b'effett tal-aġir vjolenti tal-imputat, ma tqisx li tista' tikklassifika l-offiża subita minn Badhuska Valiyapalappilli Saif bħala waħda ta' effett ta' importanza żgħira sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment. Dan qed jingħad għaliex il-vjolenza subita mill-vittma kif deskritta fir-rapport tal-okkorrenza Dok. SZ8 ma setax ma ħalliex effett iktar minn negliġibbli sija moralment u sija fiżikament fuq il-vittma, partikolarment meta l-ferita, skont kif ġiet deskritta fiċ-ċertifikat mediku Dok. SZ4, kellha dijametru ta' 3 ċentimetri fuq moħħu u setgħet potenzjalment tikkomplika ruħha ('*Slight save complications*'). Dan hu biżżejjed biex il-Qorti tapplika l-piena skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 u mhux il-piena skont is-subartikolu (1) tal-istess dispożizzjoni legali u għalhekk kwalsiasi konsiderazzjoni fl-istess vena dwar in-natura tal-offiża subita minn PC 229 Nicholai Zarb, tkun superfluwa.

Fir-rigward tar-reat taħt l-artikolu 96(a) tal-Kap. 9 u r-reat taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9, addebitati fit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet rispettivament, isib riskontru l-istess prinċipju fuq msemmi dwar il-konkorrenza formali ta' reati u pieni, u għalhekk għandha tingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat taħt l-artikolu 96(a) tal-Kap. 9 fejn l-inqas piena hija dik ta' sitt xhur priġunerija u multa ta' mhux inqas minn €4,000.

L-imputat ammetta l-ħtija tiegħu wkoll għall-ħames imputazzjoni ċioe' li nstab fil-pussess ta' sustanza psikoattiva ġdida kif definita fl-artikolu 118A tal-Kap. 31 u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31) fejn il-piena hi dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew

multa ta' mhux inqas minn €465.87 iżda mhux iżjed minn €2,329.37 jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Għalkemm fl-istess ħin, il-Qorti tat qies lill-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi jidher li huwa ko-opera mal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni, ma tistax ma tikkunsidrax il-fedina penali refrattarja tiegħu u l-ammissjoni tiegħu għall-addebitu tar-reċidiva.

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17(b), 20, 31, 49, 50, 96(a), 214, 221(1), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(ċ), 277(a), 279(a), 280(2), 325(1)(b) u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 118A(1) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil HAMZA MOHAMUD IBRAHIM ħati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah tliet snin u nofs priġunerija effettiva u multa ta' erbat elef u ħames mitt Euro (€4,500).**

**B'żieda mal-piena u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati, HAMZA MOHAMUD IBRAHIM sabiex jindirizza u jegħleb il-vizzju tad-droga inkluż droga sintetika, liema Ordni għandha tibqa' fis-seħħ għal żmien tliet (3) snin.**

**Għall-fini tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li tagħti effett lill-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna lill-ħati sabiex iħallas lil PS 229 Nicholai Zarb is-somma ta' tliet mitt Euro (€300) rappreżentanti d-danni sofferti b'riżultat tar-reati li qed jinstab ħati dwarhom tiegħu, u dan fi żmien tliet (3) xhur.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' PC 229 Nicholai Zarb u PC 340 Fritz Micallef għal żmien tliet (3) snin li jibdew jiddekorru hekk kif tiġi skontata l-piena ta' priġuinerija.**

**Tordna wkoll il-konfiska tad-droga (esebit evidence bag bin-numru S 01491832) favur il-Gvern, u l-oġġetti hekk konfiskati għandhom jinqerdu mir-Reġistratur tal-Qorti, wara li jsir proċess verbal li jkun fih deskrizzjoni preċiża tal-oġġetti rilaxxati, il-kwantità u l-kwalità tagħhom.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti biex jimplementa l-ordni għad-distruzzjoni tad-droga.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, sabiex jieħdu konjizzjoni ta' u jimplementaw, l-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħati.**

**Tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**